# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 1:Alla jagħtina t-talenti**

**Lezzjoni: 1.4 Nies ta' fidi kbira fl-Antik Testment**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jagħrfu li Alla nqeda b'ċerti nies biex jurina kif għandna nimxu fil-ħajja.
2. Jisimgħu u jiddiskutu l-istorja ta' Abraham u Sara.
3. Jisiltu minn din l-istorja l-kwalitajiet li kellhom.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint – X'jgħidulek l-istampi?
- Il-vidjow-klipp: Abram u Sara.
- Il-Karta ta' Taħriġ 1.3.



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Uri l-istampi tal-*powerpoint* u stieden lill-istudenti.

  Jgħidulek kif jolqtuhom dawn l-istampi.



- Asal għall-punt li tistaqsi kif tħossok meta tkun

  ħa tibdel id-dar u/jew tmur f'xi post/raħal ieħor!

- Irreferi għall-ewwel stampa li qegħdin iġorru d-dar. Spjega l-fatt li xi kultant aħna nġorru mhux biss l-affarijiet personali tagħna, imma wkoll esperjenzi, memorji, ħbiberiji, eċċ.

- Fakkar li ħafna drabi dawn inisslu fina tbatija kbira biex ninqatgħu minnhom.

## Nisimgħu flimkien (il-lezzjoni)



- Spjega kif dejjem ikollok ftit swied il-qalb u

  inċertezza meta inti tibdel u tmur minn post għal

  ieħor.

- Uri l-vidjow-klipp dwar l-istorja ta' Abraham u Sara. Spjega kif dawn it-tnejn kienu joqogħdu mal-familja kbira tagħhom – kif kienet id-drawwa dak iż-żmien. Ħadd ma kien imur joqgħod 'il bogħod minn niesu. Imma lil Abraham Alla qallu biex iħalli kollox u jmur fl-art li kien ser jurih Hu.

- Stieden lill-istudenti, wara li jkunu segwew il-klipp, jgħidu x'laqathom minn din l-istorja. Oħroġ l-emozzjonijiet li wieħed jaħseb li ħassew dawn it-tnejn.

- Enfasizza l-fatt li Abram kellu fidi kbira f'Alla biex għamel dan il-pass. Kien jemmen bis-sħiħ li Alla kien jaf x'inhu ta' ġid għalih.

- Uri l-istampa minn fuq il-Powerpoint ta' Abram sejjer. Ħalli lill-istudenti jirrealizzaw mill-istampa it-tbatija biex telaq (mezz ta'

t-triq kemm kienet twila, bla trasport, mingħajr kommunikazzjoni, eċċ).

- Oħroġ l-istampa l-oħra ta' Abram jissaggrifika lil ibnu Isaac. Spjega kif l-ewwel Alla kien qallu li kien ser jagħmlu missier ta' poplu kbir u ma kellux tfal u baqa' ma kellux tfal sa xjuħitu. Meta fi xjuħitu kellu tifel, Alla qallu biex jissaggrifikah (Ġenesi 22:6). U Abram għalkemm ma fehemx, kien lest li lil ibnu joffrih lil Alla. Imma Alla, ta' Alla ħanin li hu, kulma ried kien li jpoġġi lil Abram taħt prova ta' fidi u jgħallem lilna li meta nemnu bis-sħiħ fiH, Hu jeħlisna mill-gwaj kollu.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.3. Aqra u spjega s-silta tal-bidu u fuq bażi ta' klassi ħalli lill-istudenti jaħdmu Attività A. Wara, ara li kulħadd ikollu r-risposta t-tajba.

**It-tweġibiet it-tajba huma dawn** (a) iħalli 'l pajjiżu u lil niesu (b) Iben li semmieh Iżakk, (c) jissagrifika lil ibnu.

- Aħdem Attività B li tista' ssir fuq bażi individwali. Wara ara li kulħadd għandu r-risposti tajba. **Ir-risposti huma f'din l-ordni :** għakka, fidi, talab, twelidu, tama, kwalitajiet.

- Aqra u spjega l-istorja f'Attività Ċ. Ħalli lill-istudenti jiddiskutu bħala klassi l-mistoqsijiet. Spiċċa billi tenfasizza li hu normali li bniedem jibża' quddiem id-diffikultà, imma jekk nafdaw lil min iridilna l-ġid u noqogħdu fuq il-pariri tiegħu kapaċi naslu.

- Agħlaq il-lezzjoni billi s-semma d-diska: *Father Abraham had many sons.*

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla ta kwalitajiet lil ċerti nies li saru importanti biex permezz tagħhom nitgħallmu aħna.
2. Abram u Sara kienu nies tassew bilgħaqal u li kienu jħobbu tassew lil Alla.
3. Alla wiegħed lil Abram li kien ser ikun missier ta' poplu kbir, imma fl-istess ħin ma kellux tfal, imma baqa' jemmen f'dak li kien qallu Alla.
4. Abram kellu iben fi xjuħitu u Alla riedu joffrih bħala sagrifiċċju. Abram kien lest jagħmel dan, imma Alla kulma ried kien li jara kemm Abram fil-verità kien jemmen u biex jurina li min jemmen fiH, hu ma jiddiżappunta lil ħadd.
5. Min jafda f'Alla ma jonqsu qatt xejn.



**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

- Nafdaw lil min iridilna l-ġid u noqogħdu fuq il-pariri tiegħu u b'hekk kapaċi naslu. Ejjew ħa nagħmlu dak li jgħidulna min iridilna l-ġid.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ**



- Il-vidjow-klipp: Abraham u Sarah
- Diska: *Father Abraham had many Sons*

**Nitolbu**



Sunjur Alla, għinni nagħraf dawk il-persuna li jriduli l-ġid u noqgħod fuq il-pariri tagħhom ħalli nikber u nsir aħjar.